MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 411/2014

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**vs**

**GERADA Ronald**

**ID274878-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Awtorita' attrici talbet illi t-Tribunal ghandu jikkudanna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u hamsa u sittin ewro, tnejn u ghoxrin centezmu (€1,665.22c) rapprezentanti d-danni u l-hsara kkawzati mill-konvenut fil-25 ta' Gunju, 2012 li waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBL 912 habat ma' *pelican lights* u accessorji taghhom li jinsabu gewwa Triq San Dwardu, Birgu. Illi ghal dawn id-danni u hsara huwa responsabbli l-konvenut kawza ta' imprudenza, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u tal-vetturi bil-mutur.

Bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali datata 11 ta' Gunju, 2014 u l-imghaxijiet legali mid-data tal-incident in kwistjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi l-azzjoni hija wahda estinta bl-gheluq tal-perjodu ta' sentejn u dan stante li mid-data ta' l-incident ghaddew aktar minn sentejn izda ma saret l-ebda interpellazzjoni ufficjali minn naha tal-attur lill-intimat u dan a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; Illi minghajr pregudizzju, l-intimat ma ghandux ibaghti l-ispejjez tal-kawza stante li huwa qatt ma gie interpellat sabiex ihallas dak li qieghed jigi pretiz minn l-attur.

Semgha t-Trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi din is-sentenza tittratta dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, u dan ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi ghal terminu preskrittiv ta' sentejn. Illi l-kontenzjoni tal-konvenut hija fis-sens illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh fil-25 ta' Gunju, 2012, u ghalkemm saret referenza fl-Avviz tat-Talba ghal ittra ufficjali, datata 11 ta' Gunju, 2014, din ma gietx notifikata lill-istess konvenut, filwaqt illi l-azzjoni giet intavolata fl-24 ta' Gunju, 2014, izda l-konvenut – li kien ghadu ma giex notifikat bl-atti – laqa' n-notifika bl-Avviz tat-Talba u tas-smiegh fl-udjenza tas-26 ta' Settembru, 2014. Illi l-konvenut jikkontendi illi gialadarba l-atti tal-kawza rcevihom, u ghalhekk gew notifikati lilu, tliet-(3) xhur wara li l-azzjoni giet proposta mill-Awtorita' attrici, allura l-azzjoni hija preskritta bit-terminu biennali.

Illi l-Awtorita' attrici ssostni illi gialadarba l-incident awtomobilistiku sehh fil-25 ta' Gunju, 2012 u l-azzjoni giet proposta fl-24 ta' Gunju, 2012, allura l-azzjoni saret entro t-terminu u m'hix preskritta; inoltre l-Awtorita' attrici tghamel referenza wkoll ghar-rapport tal-Pulizija li kopja tieghu tinsab in atti, a fol.4 *et seq* tal-istess atti, fejn hemm dikjarat mill-Ufficjal tal-Pulizija li nvestiga l-kaz illi l-konvenut "*... mill-ewwel stqarr li kellu accident bil-vettura tieghu fejn baqa' diehel go arblu tat-traffiku ... Gerada 'nforma lil Pulizija li kien lest li jaghmel tajjeb ghal hsara li ghamel ...* ". Illi l-Awtorita' attrici ssostni illi tali dikjarazzjoni tikkostitwixxi ammissjoni ta' responsabilita' da parti tal-konvenut ghall-incident in kwistjoni, liema ammissjoni tikkostitwixxi interruzzjoni tal-preskrizzjoni, u li ghalhekk l-azzjoni m' hix preskritta.

Ikkunsidra,

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-incident mertu ta' din l-azzjoni sehh fil-25 ta' Gunju, 2012, filwaqt illi din l-azzjoni giet proposta fl-24 ta' Gunju, 2014. Illi saret referenza ghal ittra ufficjali li giet ipprezentata mill-Awtorita' attrici; madanakollu, ma gietx ipprezentata kopja awtentikata ta' tali att f'dawn il-proceduri mill-istess Awtorita' attrici, u ghalhekk ma jirrizultax jekk tali ittra ufficjali gietx notifikata lill-konvenut, *o meno*, u tali att ma jistax jittiehed in konsiderazzjoni ghal finijiet ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni. Illi f'dak li jirrigwarda l-azzjoni odjerna, u l-fatt illi tali atti kienu ghadhom ma gewx notifikati lill-konvenut sas-26 ta' Settembru, 2014 - meta l-konvenut laqa' in-notifika ta' dawn l-atti waqt is-smigh tal-kawza li kienet appuntata ghal dak inhar - il-konvenut jikkontendi illi tali atti gudizzjarji ma jistghux jinterrompu l-preskrizzjoni ghaliex in-notifika ma saritx *entro* t-terminu stipulat fil-Ligi.

Illi in rigward it-terminu li fih atti gudizzjarji ghandhom jigu notifikati lill-kontro parti sabiex tali atti jigu meqjusa li interrompew il-preskrizzjoni, il-ligi tghamel distinzjoni bejn atti gudizzjarji bhal m'huma ittri ufficjali u atti li permezz taghhom tigi proposta azzjoni, bhal m'huwa f'dan il-kaz l-Avviz tat-Talba. Illi l-Artikolu 891 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghal cirkostanzi fejn ittra ufficjali tigi pprezentata specifikament sabiex tigi interrotta l-preskrizzjoni, u jipprovdi illi jekk *entro* tmint-(8)

ijiem mid-data tal-prezentata ta' ittra ufficjali din tkun ghadha ma gietx notifikata lill-intimat, allura ghandu jsir minnufih avviz fil-Gazzetta tal-Gvern kontenenti s-sostanza tal-att, u tali avviz ghandu jsir *entro* xahar minn meta tkun giet ipprezentata l-ittra ufficjali in kwistjoni sabiex tali att jigi meqjus li interrompa b'mod effettiv il-preskrizzjoni. Illi in rigward proceduri gudizzjarji, l-Artikolu 963 tal-istess Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi " ... *il-procedura bil-miktub, f'kull kawza, ghandha tigi maghluqa, fil-Qorti ta' l-ewwel grad, fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur ...* ", u mbaghad fis-subincizi sussegwenti jipprovdi ghal cirkostanzi fejn il-Qorti tista' tordna deroga minn tali regola. Illi kemm-il darba tali perjodu ma jigix osservat, allura azzjoni ghandha tigi dikjarata li marret dezerta. Illi applikat dan il-provvediment tal-ligi ghall-kaz in ezami, u tenut kont illi l-azzjoni giet proposta fl-24 ta' Gunju, 2014 u l-konvenut laqa' in-notifika tal-atti fl-udjenza tas-26 ta' Settembru, 2014, u ressaq ir-risposta tieghu fit-30 ta' Settembru, 2014, allura jsegwi illi tali terminu perentorju ta' sitt-(6) xhur kien ghadu ma ddekorrix.

Illi kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Mario Schembri et vs Dr Anthony Galea Debono et** (Prim' Awla tal-Qorti Civili), deciza fil-5 ta' Gunju, 2003; " *Illi, kif inghad minn din il-Qorti wkoll, l-istitut tad-dezerzjoni huwa mahsub biex jippenalizza lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qieghed imexxi bil-ghaqal il-procedura mibdija minnu, izda mhux mahsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawzi u lanqas biex isawwat lill-attur (jew appellant, skond il-kaz) minhabba htigijiet amministrattivi tal-Qorti.*" Illi applikat dan l-insenjament ghal kaz in ezami, u tenut kont illi z-zmien preskritt fil-Ligi ma kienx iddekorra sabiex ikun hemm dikjarazzjoni ta' dezerzjoni, u tenut kont ukoll illi l-Awtorita' attrici ghamlet diversi tentattivi ta' notifika minn meta pprezentat din l-azzjoni, iwassal lil dan it-Tribunal ghall-konvinzjoni illi l-azzjoni attrici m'hix preskritta bit-terminu ta' sentejn-(2), u ghalhekk ser jghaddi sabiex jichad din l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, jordna l-proseguiment tas-smigh tal-kawza fil-mertu.

L-ispejjez ta' din id-decizjoni ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------